MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 77/2013

Paul **Farrugia**

**vs**

**Kenneth Xuereb**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk;

1. Illi permezz ta' ftehim datat 9 ta' Jannar, 2012 (dok A anness), l-esponent kera lill-intimat, il-fond fl-indirizz St. Rita 7, Triq is-Sajf gewwa Bugibba ghal perjodu ta' bejn it-13 ta' Jannar 2012 u t-12 ta' Lulju 2012 versu l-prezz ta' tliet mija u tletin ewro (€330) fix-xahar;

2. Illi skont l-istess ftehim, l-intimat kellu jhallas il-kirja kull xahar bil-quddiem kif ukoll ihallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma relattivi ghal istess fond, fl-ammont ta' sebghin ewro (€70) fix-xahar;

3. Illi minkejja l-iskadenza tal-kirja, l-intimat baqa jirrisjedi fl-istess fond u ihallas l-kera xahar b'xahar;

4. Illi l-ahhar kera li l-intimat hallas kien f'Novembru 2012 u ghalhekk huwa moruz ghal tmien xhur kera fl-ammont ta' tliet mija u tletin ewro (€330) fix-xahar;

5. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex jivvaka l-fond, l-intimat ghadu qed jabita fil-fond propjeta' ta' l-esponenti sal-gurnata tal-lum u dana minghajr l-ebda titolu validu skond il-ligi;

**Jghid ghaldaqstant l-intimat ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna;**

1. Tisma’ u tiddeciedi din il-kawza skond is-segwenti talab attrici bid-dispensa tas-smigh a tenur ta’ l-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat qed jokkupa l-fond minghajr ebda titolu legali stante illi l-kuntratt li gie ffirmat bejn il-partijiet, kellu terminu liema skada;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ elfejn, sitt mija u erbghin ewro (€2,640), oltre l-imghaxijiet legali rapprezentanti arretrati ta’ kera;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur il-bilanc ta’ hames mija u sittin ewro (€560) rapprezentanti arretrati ta’ konsum ta’ dawl u ilma dovut fuq il-fond St. Rita 7, Triq is-Sajf gewwa Bugibba;

5. Tordna lill-konvenut sabiex jivvaka mill-fond St. Rita, 7, Triq is-Sajf gewwa Bugibba, fi zmien qasir u perentorju lilu prefiss minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez legali u bl-imghax, l-intimat ngunt minn issa in subizzjoni u bir-rizerva ta’ kull azzjoni legali ulterjuri necessarja u opportuna.

Ra illi l-intimat debitament notifikat bir-rikors u bl-avviz ghas-smiegh baqa’ ma deherx u ma rregistra l-ebda oppozizzjoni ghat-talbiet odjerni;

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Frar 2014 fejn il-Bord laqa’ t-talba tar-rikorrenti sabiex il-kawza tithalla ghas-sentenza;

Ra id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti tal-21 ta’ Jannar 2013 li biha informa lill-Bord illi l-intimat hareg mill-fond mertu tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza kienet intentata bil-procedura sommarja taht id-dispost tal-artikolu 16A tal-Kap 69 izda minhabba li ma kinitx segwita l-procedura kif ravvizata fl-istess artikolu ma setghetx tintlaqa’ t-talba ghad-dispensa tas-smiegh;

Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghar-rikors guramentat tieghu ma kinux kontestati mil-intimat li la deher u wisq anqas irregistra oppozizzjoni. Ezaminati l-atti u d-dokumenti annessi jemergi illi dak espost mir-rikorrenti huwa minnu u jimmerita li jkun milqugh;

Ghal dawn il-motivi, fil-waqt illi jastjenti milli jiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh, jilqa’ t-talbiet l-ohra kollha tar-rikorrenti u ghal fini ta’ zgomberu qed jipprefigi zmien gimgha (1) mil-lum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------